MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 32

Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar ħa sehem f'laqgħa *online* permezz ta' *Microsoft Teams®* nhar il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa, li kienet qed tixxandar ukoll *live* fuq il-*website* tal-Kunsill, saret b'dan il-mezz minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19 u skont id-direttiva numru 7/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa u informa lill-membri li hekk kif ikkomunika magħhom permezz tal-*email*, l-aħħar laqgħa tal-Kunsill li kienet skedata għat-22 t'April 2021 kellha tiġi posposta minħabba l-azzjonijiet industrijali tas-Segretarji Eżekuttivi.

### 32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

32.1.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsillier, is-Sinjura Juliet Attard, ma tistax tieħu sehem għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Kunsillier is-Sur Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser jingħaqqad għal din il-laqgħa ftit tard. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġiji u ġew skużati.

### 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

32.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-numru 28, 29, 30 u 31 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

32.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

32.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 32.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

32.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li kellu laqgħa oħra mas-Supretendent tal-Pulizija, liema laqgħa qed issir kull xahar. Huwa qal li l-Kunsill reġa' ġie nfurmat mill-Ispettur Chantelle Casha li minħabba s-servizz tal-*Community Policing* li ser jiġi varat għall-ħabta ta' Novembru 2021, il-Pulizija jridu jużaw is-sular t'isfel tal-binja tal-Kunsill. Is-Sindku qal li dan ser joħloq problema kbira minħabba li f'dan is-sular il-Kunsill juża xi kmamar bħala *stores*, joffri servizz lir-residenti ta' *customer care* minħabba nuqqas ta' aċċessibilta', kif

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

ukoll hemm il-berġa f'waħda mill-kmamar.

Dwar dan is-suġġett, is-Sindku informa lill-membri li saret laqgħa virtwali mal-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali, l-Onorevoli Jose' Herrera, li lest li jagħti kull appoġġ lill-Kunsill Lokali u kien hemm qbil li l-ewwel pass li jrid isir hu li jiġi identifikat post alternattiv. Fuq struzzjonijiet tal-Ministru, is-Sindku għarraf lill-membri li ħa sehem f'laqgħa virtwali mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment fejn ġie mitlub rapport mill-Kunsill bil-lokazzjoni għall-post alternattiv u l-*budget* rikjest mill-Kunsill għal dan il-proġett. Is-Sindku talab lill-membri għal kull suġġeriment f'dan ir-rigward.

32.3.2 Is-Sindku għamel referenza għal dak li kien diskuss fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill dwar l-iskema ta' għajnuna finanzjarja sa massimu ta' 80% maħruġa mill-Aġenzija LESA. Huwa qal li wara li ġew studjati l-kundizzjonijiet tal-iskema, il-Kunsill ried ikollu l-permessi kollha meħtieġa mal-applikazzjoni. Is-Sindku għarraf lill-membri li dawn il-permessi m'humiex fil-pussess tal-Kunsill u għalhekk din l-applikazzjoni ma setgħetx tiġi sottomessa. Huwa qal ukoll li din l-iskema ser tibqa' toħroġ fit-tlett snin li ġejjin sabiex il-Kunsilli kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn il-fondi.

32.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li hekk kif maqbul f'laqgħa preċedenti, il-Kunsill issottometta l-applikazzjonijiet maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-fondi taħt l-iskema ta' Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields, kif ukoll tal-iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021.

32.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret laqgħa mas-CEO tal-Aġenzija LESA rigward il-problemi tal-iskart fix-Xlendi. Huwa qal li l-aġenzija lesta li tagħti s-sehem tagħha billi jsir monitoraġġ b'xejn ta' *CCTV cameras* jekk dawn jiġu nstallati mill-Kunsill u eventwalment jinħarġu ċ-ċitazzjonijiet min-naħa tagħhom. Is-Sindku qal li wara din il-laqgħa għamel kuntatt ma GreenMT ukoll u kien hemm qbil li s-sistema ta' *CCTV cameras* tiġi provduta u nstallata min-naħa tagħhom. Kien hemm qbil mill-membri għal dan.

32.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li wara li saret laqgħa mal-Ministeru Għal Għawdex fejn il-Kunsill ġie mgħarraf bil-pjanti l-ġodda tal-*masterplan* ta' Pjazza Anfori fix-Xlendi u saru laqgħat ta' konsultazzjoni ma' kull wieħed mill-membri tal-Kunsill, intbagħtu uffiċċjalment il-proposti u l-emendi min-naħa tal-Kunsill Lokali Il-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Munxar lill-Ministeru Għal Għawdex f'dan ir-rigward. Uħud minn dawn il-proposti, il-Kunsill issuġġerixxa r-rilokazzjoni tal-*bring in sites* biex ma jkunux qrib wisq tal-*boathouses* u lanqas isiru fi Triq ir-Rabat quddiem l-appartamenti; il-wisa' tat-triq ma tidjieqx minħabba aċċessibilta' għat-trakkijiet tal-merkanzija u għall-opri tal-baħar kif ukoll minħabba għargħar; issir żona ta' parkeġġ għall-vetturi kbar u għall-*minibuses* u *coaches*; isiru bankini aċċessibli għall-*boathouses*; LED *information board* ġdida; *victorian clock*; post għal AED; wiċċ ġdid bit-tarmak għal Triq ir-Rabat 'l isfel mill-Knisja.

32.3.6 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill beda l-preparamenti għall-istaġun tas-Sajf b'xogħlijiet fix-Xlendi fosthom it-twaħħil tas-slielem tal-baħar, bankijiet, *ashtrays*, xogħol ta' żebgħa u xogħol ieħor ta' manutenzjoni.

32.3.7 Is-Sindku informa lill-membri li beda ix-xogħol ta' restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Ras il-Bajjada, liema xogħol qed isir mill-Ministeru Għal Għawdex. Is-Sindku ressaq proposta sabiex issir talba lill-Enematla plc biex jikkunsidraw li jiġi nstallat *street lighting* f'din it-triq. Kien hemm qbil dwar din il-proposta mill-membri tal-Kunsill.

32.3.8 Is-Sindku informa lill-membri li qed tiġi ppreparata s-sejħa għall-offerti għall-proġett ta' tisbieħ fi Triq L-Isqawi u t-Tempju Megalitiku liema proġett se jsir b'ko-finanzjament ta' fondi ewropej. Huwa qal li s-sejħa ser tkun imfassla b'konformita' mal-permessi maħruġa mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Kien hemm qbil dwar dan.

32.3.9 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva konferma li ġiet magħżula l-applikazzjoni sottomessa għall-fondi ewropej tal-programm GAGF LEADER Miżura numru 4 "Rejuvinating Gozo". Huwa fakkar li l-applikazzjoni kienet sottomessa flimkien mal-NGOs Otters ASC u Munxar Falcons FC li tikkonsisti f'akkwist ta' *synthetic turf* ġdid, modernizzar tas-*safety mats* għall-Ġnien il-Professur Aquilina u SwimPolo Campaign. Is-Sindku qal li issa ser jibda x-xogħol biex jiġu ippubblikati s-sejħiet għall-offerti.

32.3.10 Is-Sindku ressaq suġġeriment ta' WasteServ Malta Ltd sabiex il-*kerbside truck* li qed ikun fi Pjazza Anfori fix-Xlendi jibda jiġi stazzjonat xi drabi fi Triq San Xmun minħabba nuqqas ta' konkorrenza fi Pjazza Anfori. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

32.3.11 Is-Sindku ressaq proposta sabiex il-bankijiet il-ġodda li ser jinġabu mill-Ministeru Għal Għawdex wara intervent mill-Kunsillier Joseph Cauchi, jiġu installati fiż-żona pubblika ta' taħt Terrazzo Restaurant. Kien hemm qbil dwar dan.

32.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

32.4.1 Il-Viċi Sindku staqsiet dwar ix-xogħol ta' żbir tal-bruk fix-Xlendi kif ukoll dwar it-tindif u l-qtugħ tal-qasab fil-Wied tax-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li ix-xogħol ta' ż-żbir tal-bruk sar filwaqt li ser nerġgħu nfakkru lit-taqsima ta' Eco Gozo fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex dwar it-tindif fil-Wied tax-Xlendi.

32.4.2 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi staqsa dwar it-tindif tal-passaġġ fi Triq San Pawl. Is-Sindku wieġeb li ser tittieħed azzjoni.

32.5 Proġett Pjazza tal-Knisja;

32.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, informa lill-membri li l-Kunsill permezz tal-Avukat Dr Jonathan Mintoff issottometta t-tweġiba tiegħu għall-appell imressaq minn Prax Concrete Ltd iżda għadu ma ġiex infurmat bid-data ta' meta ser jibda jinstema' l-appell mill-*Public Contracts Review Board*. Dan id-dewmien huwa minħabba tibdil li kien hemm fiċ-*chairman* ta' dan il-bord iżda l-indikazzjoni hi li fil-bidu ta' Ġunju 2021 ser ikun hemm l-ewwel smiegħ.

32.6 Xogħlijiet ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi;

32.6.1 Is-Sindku informa lill-membri li ġie ffirmat *addendum* ieħor għall-kuntratt tax-xogħlijiet mal-kuntrattur sabiex it-tiġdid tal-*prefinancing guarantee* jkun jinkludi biss l-ammont li għadu ma ġiex amortizzat. Dan sar wara talba li ressaq il-kuntrattur u konferma mid-Dipartiment tal-Kuntratti li tali talba tista' tiġi milqugħa.

32.6.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-proġett ta' restawr ta' fuq barra tat-Torri tax-Xlendi ġie konkluż għajr xi rtokki żgħar li ser ikunu qed isiru fil-jiem li ġejjin.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

32.6.3 Is-Sindku informa lill-membri li s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' restawr u l-*interpretation centre* li ser isir fuq ġewwa tat-Torri tax-Xlendi ġiet ippubblikata u s-sottomissjonijiet ser jintlaqgħu sal-25 ta' Mejju 2021. Hekk kif tagħlaq ser jiltaqa' l-bord tal-evalwazzjoni hekk kif maħtur f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill.

32.6.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret laqgħa oħra ma' Heritage Malta fejn ġie diskuss aktar fid-dettall is-sehem tagħhom fl-*interpretation centre* u fis-sistema ta' CCTV *cameras*.

32.6.5 Is-Sindku informa lill-membri li beda x-xogħol sabiex il-Kunsill jippromwovi dan il-proġett fejn se isiru żewġ filmati awdjo viżivi tal-progress ta' dan il-proġett, filmat dwar ix-xogħol li sar fuq barra u filmat ieħor għax-xogħol li ser isir fuq ġewwa tat-Torri tax-Xlendi.

32.7 <u>Proġett ta' restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Tax-Xadba;</u>

32.7.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva l-permess mill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) sabiex isir ix-xogħol ta' restawr tal-ħitan tas-sejjieħ fi Triq Tax-Xadba. Dan il-permess jinkludi wkoll kundizzjonijiet diversi li l-Kunsill irid jimxi magħhom. Is-Sindku qal li dan il-proġett ser ikun qed jibda fil-jiem li ġejjin.

*6.00pm - Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil ingħaqqad virtwalment fil-laqgħa tal-Kunsill.*

32.8 <u>Il-Proġett tax-Xelters fi Pjazza tal-Knisja;</u>

32.8.1 Is-Sindku informa lill-membri li x-xogħol fuq ix-xelters tal-Pjazza tal-Knisja miexi b'rittmu mgħaġġel u se jkun konkluż fil-jiem li ġejjin. Huwa qal li hekk kif jitlestew ix-xogħlijiet, issir l-applikazzjoni għall-*compliance certificate* mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika għall-arloġġ tad-dawl mal-kumpanjia ARMS Ltd. Għaldaqstant huwa qal li sabiex il-Kunsill jissottometti d-dokumenti kollha lill-Ministeru Għal Għawdex u sakemm jirċievi il-*compliance certificate* ssuġġerixxa sabiex tintalab *extension* għall-proġett. Kien hemm qbil dwar dan.

32.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill ġab kwotazzjonijiet sabiex il-bokka tax-xelter ta' quddiem il-knisja li ser tkun tingħalaq bil-ħġieġ tinkesa bil-ġebel taż-żonqor, u sabiex il-bokka tan-naħa l-oħra tingħalaq bi frame tal-ħadid u tinkesa bil-porfido. Il-kwotazzjoni tal-materjal tammonta għal €1,515.00. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

32.8.3 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex x'ħin il-proġett ikun komplut issir l-inawgurazzjoni u jiġi mistieden il-Ministru Għal Għawdex. Kien hemm qbil dwar dan.

## 32.9 Festa San Pawl Nawfragu 2021;

32.9.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li minħabba l-pandemija COVID-19, il-festi esterni mhux ser isiru iżda l-festi interni fil-Knisja ser isiru bir-restrizzjonijiet imposti mill-awtoritajiet.

32.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-membri tal-Kunsill fl-istedina li rċevew sabiex jattendu għall-Pontifikal Solenni f'Jum il-Festa.

32.9.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li ntalab is-sehem tal-Kunsill u jipprovdi *cherry picker* biex isir xi armar tal-festa. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 32.10 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

32.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru Għal Għawdex sabiex skont il-kuntratt ta' finanzjament iffirmat magħhom biex isiru xogħlijiet fi Triq Sant'Anjeże', il-Kunsill jiprovdi d-dokumenti meħtieġa. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li la hu u lanqas is-Sindku preżenti mhux a konoxxenza ta' dan il-kuntratt u li ma nstab l-ebda kuntratt jew kopja tiegħu fl-iffajljar tal-Kunsill. Barra minn hekk il-Kunsill lanqas sab l-ebda dokument li fih il-Kunsill kien ta xi ordni lil xi kuntrattur jew inħarġet xi sejħa għall-offerti biex jitwettaq dan ix-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li dan kollu ġie mibgħut lill-Ministeru Għal Għawdex bħala tweġiba għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva. Il-membri tal-Kunsill innutaw dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

32.10.2 Il-Kunsill irċieva l-parir legali mingħand l-Avukat Dr Ian Stafrace wara li hekk kif approvat f'laqgħa preċedenti, il-Kunsill talab għall-parir legali jekk il-Kunsill Lokali jew il-Gvern Ċentrali jistax jintervjeni u jagħmel xogħlijiet fi T/G fi Triq il-Qsajjem u fi Sqaq Wied L-Għawdxija minħabba l-istat li jinsabu fih. L-Avukat Dr Ian Stafrace ta parir dettaljat li nqara kollu waqt il-laqgħa u kkonkluda li skont il-liġi, jekk it-triq jew l-isqaq iridu jinbnew mill-ġdid dak huwa kompitu ta' *Infrastructure Malta* filwaqt li xogħol ta' manutenzjoni huwa fil-kompitu tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.3 Il-Kunsill irċieva t-tiġdid tal-garanzija bankarja tal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-kuntratt kien iffirmat fl-1 t'April 2020 għal sena iżda bil-possibilta' li jiġġedded sal-aħħar ta' Diċembru 2021 u wara din id-data jkun jista' jerġa' jiġġedded sal-aħħar ta' Diċembru 2022. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li huwa talab gwida lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali minħabba li din is-sejħa eventwalment ser tinħareġ bħala waħda reġjonali. Id-Dipartiment wieġeb li ma jsibx oġġezzjoni li dan il-kuntratt jiġġedded sal-aħħar ta' Diċembru 2021 u ser iżomm lill-Kunsill aġġornat jekk ikun hemm bżonn li jiġġedded b'aktar żmien. Kien hemm qbil mill-membri li l-kuntratt jiġġedded sal-aħħar ta' Diċembru 2021 skont il-gwida tad-Dipartiment.

32.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-membri ittra mill-Assistent Prinċipali tal-Kunsill dwar increment fin-notch tal-iskala għal notch 6 li tidħol fis-seħħ mas-salarju tax-xahar ta' Mejju 2021'il quddiem skont ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani). Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

32.10.5 Il-Kunsill irċieva rapport minn Transport Malta sabiex jimtela mill-Kunsill wara li persuna applikat għal *disabled parking bay* fi Triq il-Kantra. Kien hemm oġġezzjoni mill-membri tal-Kunsill minħabba li fi Triq il-Kantra hemm diġa' żewġ *disabled parking bays*.

32.10.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'konferma li t-talba tal-Kunsill għall-fondi ta' Aġġustament ġiet aċċettata u għalhekk il-Kunsill ser jirċievi l-ammont ta' €3,000 mill-fond għal Żoni Turistiċi u €3,000 mill-fondi biex kull Kunsill Lokali ikollu żieda ta' mill-inqas €11,000 fl-allokazzjoni tiegħu. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

32.10.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Ambjent Malta sabiex wara li l-Kunsill kien wera l-interess li jimplimenta proġetti ambjentali, jissottometti applikazzjoni għal din l-iskema. Bi qbil bejn il-membri, il-Kunsill issottometta applikazzjoni sabiex isir titjib fl-estetika u fil-kwalita' tal-arja tal-Pjazza billi jinxtraw *lava planters* ġodda u jitħawlu pjanti u fjuri ġo fihom.

32.10.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi u ssottometta ritratti u rapport bid-dettalji ta' kif sar ix-xogħol taż-żbir tal-bruk fix-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.9 Tisħiħ tad-Diviżjoni għall-Gvern Loakli – Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.10 Konnessjonijiet tat-Teknoloġija mal-Malta Government Network (Magnet) – It-Tielet Fażi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.11 Nazzareno Vassallo Award 2021, *for initiatives that made a difference to the lives of older persons during* COVID-19. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.12 Munxar: Contracts Manager Data. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.13 Emenda fil-Policy dwar id-Devoluzzjoni Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.14 Ċirkulari SPI/SCI/4/2021 – Korsijiet Lifelong Learning 2021/2022 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.15 Ċirkulari SPI/SCI/5/2021 – Community Inclusive Employment Scheme 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.16 Euaffairs at Local Government – Sejħiet għall-Proġetti taħt il-Programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropea CERV – European Remembrance / Town Twinning / Network of Towns. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.17 Ċirkulari DLG 02/2021 – Ħlasijiet dwar Kuntratti jew Xogħol urġenti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Ċirkulari DLG 03/2021 – Onorarju u Bolla tas-Sindku. Il-Kunsill innota

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

32.10.18 l-kontenut.

32.10.19 Ċirkulari Nru AKL 2021/026 – Update of Application – Active Ageing and Community Care. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.20 Ċirkulari Nru AKL 2021/027 – Spazji fil-lokalita' għall-installazzjoni ta' charging pillars. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.21 Ċirkulari Nru AKL 2021/028 – Understanding Dimentia Mentor Aid Session 14/04/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.22 Ċirkulari Nru AKL 2021/029 – Ħlasijiet Pendenti – Borża Organika. Il-Kunsill innota l-kontenut u ser timtela' l-formola bid-dettalji mitluba.

32.10.23 Ċirkulari Nru AKL 2021/030 - Planning Authority EAPPS. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.24 Ċirkulari Nru AKL 2021/031 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 43. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.25 Ċirkulari Nru AKL 2021/032 – AKL Webinar – Infrastructure – The future of our localities 15/04/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.26 Ċirkulari Nru AKL 2021/033 – CRPD – Disability Equality Training. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.27 Ċirkulari Nru AKL 2021/034 – University Courses 2021-22 – Faculty for Social Wellbeing. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.28 Ċirkulari Nru AKL 2021/035 – Komunikat dwar tibdil fil-legislazzjoni 65.13 dwar regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.29 Ċirkulari Nru AKL 2021/036 – Binjiet mixgħula ħomor – Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm – 14 ta' Ġunju. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.30 Ċirkulari Nru AKL 2021/037 – Group Life Policy – Membri Eletti. Il-Kunsill innota l-kontenut u kkonferma l-parteċipazzjoni tal-membri f'din il-polza.

Ċirkulari Nru AKL 2021/038 – Senior Passport link not working –

32.10.31 Heritage Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.32 Ċirkulari Nru AKL 2021/039 – Supporting Individuals to meet daily living needs – Mentor Aid Session 28/05/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.33 Ċirkulari Nru AKL 2021/040 – MFED 11/2021 Students' Summer Work Opportunities 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.34 Ċirkulari Nru AKL 2021/041 – SeedGreen Programme. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.35 Ċirkulari Nru AKL 2021/042 – Reverse Vending Machines – Reazzjonijiet u Proposti mill-Kunsilli Reġjonali/Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Ilment 17/2021

32.10.36 Jitlob sabiex il-Kunsill jinstalla mera tat-traffiku fi Triq Dun Alan Fenech minħabba l-periklu u minħabba li hemm blind corner. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill.

Ilment 18/2021

32.10.37 Titlob sabiex isiru *double yellow lines* faċċata ta' żewġ garaxxijiet fi Triq Żgħawri minħabba li ma jkunux jistgħu joħorġu bil-karozza jekk ikun hemm xi vettura pparkjata faċċata tal-garaxxijiet. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan sakemm ma jkunx hemm oġġezzjoni minn sid ir-residenza tal-faċċata.

Ilment 19/2021

32.10.38 Jitlob sabiex jerġgħu jsiru d-*double yellow lines* li tneħħew meta saret Triq il-Munxar taħt il-ħajt tas-sejjieħ ta' Ġnien Ragalna u anke faċċata man-naħa ta' Andar Residences. Is-Sindku rrimarka li dik il-parti ta' Triq il-Munxar ma kinitx saret bit-tarmak u qatt ma kien hemm *double yellow lines*. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri li jsiru *double yellow lines* fil-kantuniera u faċċata tad-daħla tal-garaxxijiet kif ukoll metru kull naħa tad-daħla tal-garaxxijiet.

Ilment 20/2021

32.10.39 Jitlob sabiex titranġa selħa li waqgħet minn ħajt tas-sejjieħ fi Triq Ras il-Bajjada. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Ilment 21/2021

32.10.40 Tixtieq tiġbed l-attenzjoni għal xogħlijiet ta’ qlugħ ta’ aperturi minn sit ta’ kostruzzjoni fi Triq Puniċi mingħajr l-ebda osservazzjoni għas-saħħa u s-sigurta’ tar-residenti u ta’ min juża din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li dwar dan l-ilment ittieħdet azzjoni immedjata u ġiet infurmata l-Awtorita’ tas-Saħħa u s-Sigurta’ (OHSA). Kien hemm qbil mill-membri għall-azzjoni immedjata li ttieħdet.

Ilment 22/2021

32.10.41 Jitlob sabiex titranġa l-bankina quddiem ir-residenza tiegħu billi ssir rampa biex ikollu aċċess bil-*wheelchair*. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

Ilment 23/2021

32.10.42 Tissuġġerixxi sabiex il-karozza tal-linja tibda tgħaddi mill-Munxar għall-ħabta tas-6am jew is-6.15am ukoll apparti fil-5.05am, fil-5.15am u fis-6.50am. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jitressaq dan is-suġġeriment lit-Trasport Pubbliku.

Ilment 24/2021

32.10.43 Jitlob sabiex isir il-qtugħ tal-ħaxix f’passaġġ fi Triq il-Qsajjem. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lill-Ministeru Għal Għawdex li kull sena jieħu ħsieb dan ix-xogħol.

Ilment 25/2021

32.10.44 Jitlob sabiex isir manutenzjoni ta’ tindif u tikħil ta’ *storm water culvert* fi Triq Kolaci minħabba li qed jidħol l-ilma fil-kantina tar-resident. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

Ilment 26/2021

32.10.45 Jitlob sabiex isir xogħol ta’ manutenzjoni fuq ħajt tas-sejjieħ f’passaġġ fi Triq Ras il-Bajjada. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

32.10.46 Ilment 27/2021

Jilmenta dwar xogħlijiet li qed isiru fi Triq San Xmun b’konsegwenza li hekk kif l-istabilimenti reġgħu fetħu u qed jilqgħu n-nies wara restrizzjonijiet tal-pandemija, dawn qed igergru minħabba ħsejjes eċċessiv. Is-Sindku rrimarka li għal dan ix-xogħol ilha ssir pressjoni mill-Kunsill biex jinħeles qabel is-Sajf. Madankollu l-Kunsill ma setgħax ma joħroġx l-permessi għaliex skont l-avviż legali, skavar fix-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Xlendi huwa permissibbli sal-15 ta' Ġunju.

Permess ta' Divertiment

32.10.47 Il-Kunsill irċieva talba sabiex jiġi organizzat tieġ fuq il-bajja tax-Xlendi nhar il-15 ta' Lulju 2021. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż li l-ebda permess għal tieġ ma jkun approvat anke fil-futur minħabba li l-bajja hija għandha tkun għat-tgawdija tal-pubbliku kollu speċjalment fix-xhur tas-Sajf.

**32.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

32.11.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 32/2021-8 għall-perjodu bejn id-19 ta' Marzu 2021 u d-19 ta' Mejju 2021 li tammonta għal €52,513.12 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil is-sekondant.

**32.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

32.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR